2025/346

19.2.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/346

tat-18 ta' Frar 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbuż serji tad-drittijiet tal-bniedem

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 [1].

(2) L-informazzjoni dwar żewġ persuni elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. DOMAŃSKI

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbuż serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1999/oj).

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999, fit-Taqsima A (“Persuni fiżiċi”), l-entrati numru 80 u 105 huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
“80.	Alexander Valerievich OBRAZTSOV*	Александр Валерьевич ОБРАЗЦОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-IK-3 penal colony Data tat-twelid: 1980-1990 Post tat-twelid: Ir-Russja Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Priuralisky District, Yamalo-Nenets Autonomous Okrug, Russia, 629420	Alexander Valerievich Obraztsov huwa viċi kap tal-IK-3 penal colony. F’dik il-pożizzjoni, huwa direttament responsabbli għall-kundizzjonijiet ta’ priġunerija fl-IK-3 penal colony. L-IK-3 penal colony, komunement magħrufa bħala l-‘Polar Wolf’, kienet il-post fejn il-politiku tal-oppożizzjoni detenut Alexei Navalny miet taħt ċirkostanzi mhux magħrufa. Il-kundizzjonijiet tal-priġunerija fl-IK-3 penal colony inkludew il-vjolenza fiżika bħat-tortura u n-nuqqas ta’ provvista ta’ miżħun u ħwejjeġ xierqa fix-xitwa, assistenza medika u ikel u ilma. Għaldaqstant, Alexander Valerievich Obraztsov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta’ opinjoni u ta’ espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
105.	Vladimir Sergeevich SHVEDOV*	Владимир Сергеевич ШВЕДОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Department of State Policy in the Sphere of Execution of Criminal Sentences fil-Ministeru għall-Ġustizzja Russu Data tat-twelid: 26.10.1980 Post tat-twelid: Moscow, Russia Numru tal-passaport: 4506085659 In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 773320017740 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Moscow City, Russian Federation Individwi assoċjati: Vsevolod Lvovich Vukolov Entitajiet assoċjati: Ministeru għall-Ġustizzja Russu	Vladimir Sergeevich Shvedov huwa uffiċjal Russu ta' livell għoli. Huwa il-Kap tad-Department of State Policy in the Sphere of Execution of Criminal Sentences fil-Ministeru għall-Ġustizzja Russu. F'dik il-pożizzjoni, peress li jmexxi l-politika tal-istat fil-qasam tal-eżekuzzjoni ta' sentenzi kriminali u jikkunsidra l-appelli taċ-ċittadini, huwa kien responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' ħabs tal-politiku tal-oppożizzjoni Russu Alexei Navalny. Għaldaqstant, Vladimir Sergeevich Shvedov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024."